# Għada jiftaħ l-istaġun tal-kaċċa tar-rebbiegħa

## Għasafar li jkunu fi triqithom biex ibejtu għandhom jiġu mħarsa, mhux maqtula

L-istaġun tal-kaċċa tar-rebbiegħa ta' din is-sena jiftaħ għada u jibqa' miftuħ sal-Ġimgħa 14 ta' April.

L-istaġun tal-2017 se jiftaħ biss għall-kaċċa fuq is-Summien wara l-moratorju impost is-sena li għaddiet fuq il-Gamiem konsegwenza tad-dikjarazzjonijiet li saru mill-Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura (IUCN) u mill-Kummissarju Ewropew għall-Ambjent, l-Affarijiet Marittimi u s-Sajd Karmenu Vella dwar is-sostenibbiltà ta' staġun ta' kaċċa fir-rebbiegħa fuq din l-ispeċi vulnerabbli. L-IUCN kienet irrevediet l-istatus tal-konservazzjoni tal-Gamiema għal 'vulnerabbli' f'Ġunju 2015 konsegwenza ta' tnaqqis kontinwu li kien reġistrat fil-popolazzjoni ta' dan l-għasfur fiz-zoni fejn ibejjet. Din se tkun l-ewwel darba mill-2009 li l-Gamiema mhux se tkun tista' tiġi kkaċċjata legalment tul ir-rebbiegħa.

L-istaġun tal-kaċċa se jiftaħ bis-saħħa ta' Avviżi Legali 82 u 83 tal-2017 li jawtorizzaw id-dati bejn is-Sibt 25 ta' Marzu u l-Ġimgħa 14 ta' April għall-kaċċa u jistabbilixxu wkoll il-kwoti tas-Summien li jista' jiġi kkaċċjat. Il-kwota komplessiva hija ta' 5,000 Summiena waqt li l-kwota ta' għasafar li persuna liċenzjata tista' taqbad hija ta' ħames Summiniet f'ġurnata waħda u ta' għaxar Summiniet tul l-istaġun kollu. Waqt li dan ifisser żieda fuq is-snin ta' qabel, il-ħinijiet baqgħu l-istess, bil-kaċċa se tkun permessa minn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx sa nofsinhar f'kull ġurnata tal-istaġun. Il-kaċċaturi huma obbligati jirrappurtaw kull għasfur li jiġi maqbud billi jċemplu fuq in-numru indikat fil-Liċenzja Speċjali.

L-iskop tad-dati magħżula hu li dawn jaħbtu mal-passa tas-Summien u tiġi evitata l-passa tal-Gamiem li tilħaq il-qofol tagħha lejn it-tieni nofs ta' April. Ftit iktar minn 6,650 kaċċatur applikaw għall-istaġun ta' din is-sena skont informazzjoni mgħoddija mill-Wild Birds Regulation Unit (WBRU) waqt l-aħħar laqgħa tal-Kumitat Ornis. 'Il fuq minn 60 uffiċjal tal-Pulizija u tal-Forzi Armati ta' Malta għandhom ikunu qed jissorveljaw is-sitwazzjoni.

Il-pożizzjoni ta' BirdLife Malta dwar l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa ta' din is-sena tibqa' li m'hemm l-ebda ġustifikazzjoni xjentifika għall-kaċċa fir-rebbiegħa.

Il-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta Mark Sultana spjega r-raġunijiet għal dan u sostna: "BirdLife Malta ilha konsistenti s-snin fl-argumenti tagħha dwar in-nuqqas ta' ġustifikazzjoni biex tkun permessa l-kaċċa fir-rebbiegħa f'Malta. L-unika raġuni

www.birdlifemalta.org/become-member
Għinna ntiru
Issieħeb ma' BirdLife Malta u tir magħna

għalfejn Malta tapplika d-deroga mid-Direttiva Ewropea dwar l-Għasafar hi sempliċiment minħabba l-wegħdi politiċi. Studji xjentifiċi kkummissjonati mill-Gvern stess juru li fil-ħarifa jgħaddi bizzejjed Summien filwaqt li dawk kollha li jifhmu verament xi jfissru l-valuri tal-konservazzjoni jafu li għasafar li jkunu fi triqithom biex ibejtu għandhom jiġu mħarsa u mhux maqtula."

BirdLife Malta, madanakollu, hi preokkupata dwar numru ta' punti oħrajn b'rabta maċ-ċirkostanzi partikolari ta' din is-sena. L-esperjenza tal-istaġuni l-imgħoddija turi li hu prattikament impossibbli li wieħed jikkontrolla l-kwoti tas-Summien u din is-sena l-kwoti individwali ġew miżjuda minkejja li l-kaċċaturi ftit li xejn iddikjaraw li qabdu għasafar fis-snin li għaddew matul ir-rebbiegħa. Kwistjoni oħra hi relatata mal-fatt li biex issir il-kaċċa għas-Summien, il-kaċċaturi jridu jfittxu għall-għasafar aktar milli jpoġġu bilqiegħda moħbijin jistennewhom u għalhekk wieħed għad irid jara kif l-istaġun se jiġi infurzat. Fl-aħħar nett, minkejja l-użu rampanti ta' apparat illegali tal-għajjat elettroniku għas-Summien matul il-lejl, ma sar xejn mid-WBRU biex tindirizza dan il-ksur tal-liġi billi ttejjeb is-sistema tal-multi amministrattivi li hemm fis-seħħ.

Matul it-tliet ġimgħat li ġejjin BirdLife Malta se tkun qed tiddependi fuq il-kollaborazzjoni tal-pubbliku biex ikun żgurat li l-infurzar tal-liġijiet ambjentali jibqa' prijorità tul l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa ta' din is-sena. Waqt li nittamaw li l-illegalitajiet jibqgħu jonqsu, inħeġġu lil kull min jiltaqa' ma' xi każ ta' kaċċa illegali biex jirrapporta immedjatament lill-pulizija u lil BirdLife Malta biex tkun tista' tittieħed azzjoni mill-ewwel.

Jekk il-pubbliku jiltaqa' ma' każi ta' apparat tal-għajjat elettroniku, dawn għandhom jiġu rappurtati flimkien mal-post (GPS location) u l-ħin fejn u meta jkunu nstemgħu. Il-pubbliku għandu jkun jaf ukoll li l-ebda għasfur ieħor ħlief is-Summien ma jista' jinqatel.

Każi ta' ksur tal-liġi u ta' għasafar feruti jistgħu jiġu rrappurtati lill-pulizija fuq 119 u lil BirdLife Malta billi wieħed iċempel fuq 2134 7645/6 fil-ħinijiet tal-uffiċċju jew fuq il-*hotline* 7925 5697 (numru strettament riservat għal każi ta' reati kriminali u emerġenzi) filgħaxijiet u tul tmiem il-ġimgħa. Rapporti oħra jistgħu jintbagħtu permezz ta' *email* fuq info@birdlifemalta.org inkella permezz ta' messaġġ fuq il-Facebook tagħna fl-indirizz www.facebook.com/birdlifemalta.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ritratti mehmużin:**

1. Is-Summiena (Ritratt ta' SEO, BirdLife Spain)
2. Summien maqtul tul l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa (Ritratt ta' Luke Massey)
3. Summiem maqtul (Ritratt ta' Luke Massey)
4. Il-Gamiema (Ritratt ta' Aron Tanti)

www.birdlifemalta.org/become-member
Għinna ntiru
Issieħeb ma' BirdLife Malta u tir magħna